**7 ta' Ottubru, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Lydia mart Edward Restall neè Felice

*versus*

Andrew Bezzina u Joseph Felice

**Azzjoni - Irritwalità ta' - Dikjarazzjoni - Azzjoni Dikjaratorja - Terminu sabiex tiġi Dedotta - Digriet - Subbasta - Impunjazzjoni ta'**

*L-attriċi aġixxiet sabiex tirrevoka atti subbasta għaliex ippremettiet illi l-fond li gie ordnat jinbiegħ kien jappartjeni lilha. Il-konvenut eċċepixxa* inter alia *illi hija naqset milli tiddeduċi l-azzjoni tagħha fit-terminu lilha mogħti mill-Qorti.*

*Il-Qorti ta' l-Appell laqghet l-eċċezzjoni tal-konvenut mhux in bażi għall-fatt li l-attriċi naqset li timpunja l-atti tas-subbasta fit-terminu lilha mogħti mill-Qorti imma għaliex l-azzjoni mhijiex preċeduta minn talba deklaratorja li tistabbilixxi l-proprjetà oġġetti tas-subbasta mhijiex ta' l-esekutat imma tappartjeni esklussivament lilha liema difett irrenda l-azzjoni irritwali u għalhekk irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u ddikjarat l-azzjoni attriċi irritwali bir-riserva ta' kull azzjoni li setgħet tieħu.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ l-attriċi ppremettiet illi l-konvenut Andrew Bezzina talab il-bejgħ in subbasta tal-fond Flat 2, Victoria Towers, Triq Ġorġ Borg Olivier, tas-Sliema, biex mir-rikavat tiegħu jiġi sodisfatt kreditu tiegħu kontra l-konvenut Joseph Felice; illi b'digriet tat-30 ta' Lulju, 1990 dik il-Qorti akkoljiet it-talba ta' l-imsemmi konvenut Andrew Bezzina u l-atti tas-subbasta relattiva ġew mogħtija n-numru 94/90 (dok. A); illi l-fond in kwistjoni jappartjeni unikament lill-attriċi kif jirriżulta mill-kuntratt esebit Dok. B; talbet l-istess attriċi biex il-konvenuti jgħidu għaliex ma għandhiex per konsegwenza minn din il-Qorti jiġu rrevokati l-atti tal-preċitata subbasta numru 94/90, fl-ismijiet **Andrew Bezzina** *vs* **Joseph Felice** bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

B'nota ta' eċċezzjonijiet minnu ppreżentata l-konvenut Bezzina eċċepixxa illi ċ-ċitazzjoni hija nulla peress li ma ġietx iffirmata mill-Imħallef tal-Qorti li ordnat il-ħruġ tagħha. Illi mingħajr preġudizzju tal-premess, l-azzjoni odjerna hija ukoll irritwali u nulla peress li l-attriċi naqset li tiddeduċi l-azzjoni tagħha fit-terminu lilha mogħti mill-Qorti u ma tistax b'din l-istanza twaqqaf il-kors tal-proċeduri tas-subbasta. Illi mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet il-fond li tiegħu hemm pendenti s-subbasta jappartjeni lid-debitur Joseph Felice

u għalhekk it-talbiet ta' l-attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Il-konvenut Joseph Felice baqa' kontumaċi għalkemm debitament innotifikat;

Il-konvenut Bezzina irtira l-ewwel eċċezzjoni;

Il-Qorti tal-Kummerċ b'sentenza mogħtija fis-16 ta' Ġunju, 1995 iddeċidiet it-tieni eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut Bezzina billi ċaħdet din l-eċċezzjoni ta' nullità bl-ispejjeż kontra l-eċċipjent;

Il-konvenut Bezzina ħassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti fuq l-aggravji segwenti:

Illi mil-istess fatti esposti mill-Ewwel Qorti mhuwiex ikkontestat illi l-Qorti bid-digriet tagħha ta' l-24 ta' Ottubru, 1990 kienet ipprefiġġiet terminu ta' tliet ġimgħat biex l-attriċi tiddeduċi l-pretensjoni tagħha;

Lanqas ma hemm dubbju illi l-attriċi iddeduċiet din il-pretensjoni fl-4 ta' Diċembru, 1990 biċ-ċitazzjoni odjerna, ċjoè ġimgħatejn wara li kien skada dan it-terminu;

Illi l-Ewwel Qorti sfortunatament qagħdet tagħti kronoloġija tad-diversi rikorsi u digrieti mogħtija fil-proċedura tas-subbasta u njorat il-qalba tal-kwistjoni;

Illi stante li kif ammettiet l-Ewwel Qorti d-digriet mogħti fejn ġie prefiss terminu għad-deduzzjoni ta' l-azzjonii ma ġiex irrevokat isegwi li t-terminu in kwistjoni kien għadu viġenti;

Infatti d-digriet ta' l-24 ta' Ottubru, 1990 jipprovdi b'mod ċar u assolut illi "qabel xejn" l-attriċi tiddeduċi l-pretensjoni tagħha quddiem il-Qorti kompetenti "... u kompliet tgħid illi kienet sejra tipprovdi ulterjorment fuq ir-rikors, wara li jgħaddi l-imsemmi terminu";

Fil-fatt dik il-Qorti b'digriet tad-19 ta' Novembru, 1990 iddeċidiet illi s-subbasta tal-fond imsemmi fl-atti kellu jipproċedi għas-sempliċi raġuni illi l-attriċi naqset li tiddeduċi l-pretensjoni tagħha fit-termini mogħti;

Fil-fatt il-Qorti ma rrevokatx id-digrieti tagħha ta' l-24 ta' Ottubru, 1990 u 19 ta' Novembru, 1990 li għalhekk baqgħu operattivi;

Il-veru punt kardinali tal-kwistjoni li jifforma l-bażi ta' l-eċċezzjoni ta' l-appellant huwa li ġaladarba kien skada t-terminu prefiss mill-Qorti u d-digriet li stabbilih ma ġiex irrevokat, isegwi li l-attriċi ma setgħetx tkompli tipprosegwi bil-proċedura ta' subbasta daqslikieku kien baqa' għaddej it-terminu msemmi indefinittivament;

Illi dwar l-eċċezzjoni minnu ssollevata l-appellant *issottometta diversi sentenzi* elenkati fin-nota minnu pprezentata fit-18 ta' Otturbu, 1994 li għaliha jagħmel referenza;

Illi skond l-artikolu 106 (1) tal-Kap. 12 iż-żmien legali jew ġudizzjarju meta mhuwiex perentorju jista' jiġġedded għal raġuni tajba kemm-il darba t-talba għal dan it-tiġdid tiġi magħmula fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid;

Illi mill-provi rriżulta ċar li t-terminu kien skada u ma ntalabx it-tiġdid tiegħu fit-terminu ġà operattiv u viġenti;

Konsegwentement wara li skada dak it-terminu l-attriċi tilfet kull dritt li tipproċedi biċ-ċitazzjoni odjerna;

Illi jkun assurd li wieħed jargumenta illi wara li l-Qorti tkun ipprefiġġiet terminu li ma ġiex la mġedded u lanqas irrevokat illi l-parti interessata tkun tista' tħalli kollox sospiż indefinttivament jew għal terminu jew perijodu stabbilit minnha stess bi preġudizzju għal interessi ta' min qiegħed jeżerċita dritt;

Illi wara li wieħed jeżamina s-sentenzi li għalihom saret referenza mill-esponent għab-bażi ta' l-artikolu 106 (1) tal-Kap. 12 fuq riferit wieħed jista' jikkonkludi illi għalkemm terminu ġudizzjarju mhuwiex perentorju u jista' jiġi pprorogat jew irrevokat bir-rimedju tar-restituzzjoni *in integrum*, jibqa' l-fatt illi l-attriċi la talbet li t-terminu prefiss mill-Qorti jiġi pprorogat u wisq anqas li jiġi rrevokat;

Illi għalhekk ġie sottomess kif qiegħed jiġi sottomess bil-preżenti illi t-talba attriċi hija rritwali u ma għandhiex tiġi milqugħa;

Għaldaqstant l-appellant talab li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Ġunju, 1993 fil-kawża fuq riferita, tiġi rrevokata billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni ta' l-esponent bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

L-appellata wieġbet li:

Fil-meritu li s-sentenza appellata hi ġusta u għandha tiġi kkonfermata;

Infatti, l-Ewwel Qorti ġustament indunat li l-konvenut qed

jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq premessa ħażina, meta hu qal illi ċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi saret in segwitu għad-digriet ta' l-24 ta' Ottubru, 1990 iżda *fuori termine*;

Kif ġie ripetutament iċċarat fil-kors tal-kawża, iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi ġiet ippreżentata indipendentement mir-rikors tagħha li ta lok għad-digriet imsemmi, liema rikors kien ġie miċħud sussegwentement;

Wara, mbagħad, li ppreżentat ċitazzjoni, kif f'kull mument kellha dritt li tagħmel mingħajr in-neċessità ta' ebda digriet li jordnalha jew jawtorizzaha li tagħmel dan, l-attriċi ppreżentat rikors ieħor, li ma kellu x'jaqsam xejn mar-rikors oriġinali miċħud, u dan ir-rikors ġdid għas-sospensjoni tas-subbasta ġie milqugħ, u ma ġietx akkolta lanqas it-talba tal-konvenut, per rikorso, fil-mori tal-kawża quddiem il-Qorti diversament ippresjeduta, biex is-subbasta titkompla minkejja li kien hemm il-kawża pendenti;

In vista tal-fatt li ċ-ċitazzjoni ma ġietx ippreżentata in segwitu għad-digriet ta' l-24 ta' Ottubru, 1990, is-sentenzi ċitati mill-konvenut appellant li ebda waħda minnhom ma tittratta fuq subbasti imma fuq ċerti termini ma għandhomx rilevanza għall-każ odjern;

Għaldaqstant l-appellata talbet li din il-Qorti tikkonferma għal kollox is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ mogħtija fis-16 ta' Ġunju, 1995 fl-ismijiet **Lydia mart Edward *Restall neè Felice vs Andrew Bezzina u Joseph Felice*** bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tiegħu;

Dan l-appell huwa ċirkoskritt għat-tieni eċċezzjoni ssollevata quddiem l-Ewwel Qorti mill-konvenut appellant li kienet tgħid hekk:

"Illi mingħajr preġudizzju tal-premess *l-azzjoni odjerna* hija ukoll irritwali u nulla peress li l-attriċi naqset li tiddeduċi l-azzjoni tagħha fit-termini lilha mogħti mill-Qorti u ma tistax b'din l-istanza twaqqaf il-kors tal-proċeduri tas-subbasta";

L-Ewwel Qorti rrespinġiet dina l-*eċċezzjoni* billi dik l-istess Qorti dehrilha li l-azzjoni attriċi mhux biss ma jistax jingħad illi hija rritwali u nulla "*talli rriżulta li kienet ir-raġuni* li ġiegħlet il-Qorti li tissospendi l-atti tas-subbasta u l-istess Qorti qiegħda tistenna l-eżitu ta' din il-kawża biex tara jekk għandhiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tat-30 ta' Jannar, 1990, li bih kienet ordnat il-bejgħ tal-fond in kwistjoni jew jekk tordnax il-proċediment tal-bejgħ f'każ li l-attriċi ma jirnexxilhiex tipprova t-titolu ta' proprjetà li qiegħda tivvanta fuq il-fond in kwistjoni. F'din l-aħħar eventwalità l-Qorti tkun tista' tgħaddi biex tilqa' t-talba tal-konvenut Bezzina u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-15 ta' Jannar, 1991";

*Din il-Qorti tibda biex tirrileva li f'din il-kawża l-attriċi* avvanzat biss talba waħda u ċjoè dik li "jiġu rrevokati l-atti tal-preċitata subbasta numru 94/90 fl-ismijiet **Andrew Bezzina *vs* Joseph Felice**. Jidher għalhekk mill-ewwel li ma saret l-ebda talba speċifika biex jiġi rrevokat darba għal dejjem id-digriet tal-Qorti mogħti fit-30 ta' Lulju, 1990 fejn ġie ordnat il-bejgħ in subbasta ta' proprjetà tal-konvenut l-ieħor Joseph Felice, missier l-attriċi appellata, liema digriet ġie ulterjorment sospiż;

L-appellata ssottomettiet li *l-azzjoni odjerna tagħha saret* indipendentement mill-proċeduri anteċedenti li kienu seħħew u li fihom, fi stadju minnhom l-Ewwel Qorti kienet tat *lill-*

appellata tliet (3) ġimgħat żmien biex hija tiddeduċi l-pretensjoni tagħha kontra l-konvenut appellant, liema terminu *effettivament laħaq skada*. L-appellant konvenut *jissottometti* li ġaladarba dan it-terminu skada allura kien ifisser ukoll li l-attriċi ma setgħetx aktar taġixxi ġudizzjarjament kontra l-konvenut Bezzina biex twaqqaf is-subbasta. Sostna ukoll l-appellanti ġaladarba d-digriet ta' l-24 ta' Ottubru, 1990 *ipprefiġġa terminu ta' tliet ġimgħat biex l-attriċi tiddeduċi l-*pretensjoni tagħha u dan għamlitu biss fl-4 ta' Diċembru, 1990 biċ-ċitazzjoni odjerna, ġimgħatejn wara li kien skada t-terminu, allura jfisser li l-attriċi kienet tilfet dan id-dritt tagħha ineżorabbilment u billi allura ma ġiex irrevokat id-digriet tas-*subbasta "isegwi li t-terminu in kwistjoni kien għadu viġenti";*

Din il-Qorti wara li ħasbet fit-tul dwar id-diversi sottomissjonijiet tal-kontendenti, hija tal-fehma li bil-fatt biss l-attriċi ma ottemperatx ruħha mad-digriet ta' l-24 ta' Ottubru, *1990 surreferit, tali* non-aderenza ma *kinitx ukoll tfisser li allura* kull azzjoni li setgħet hija tieħu indipendentement kontra l-konvenuti l-oħrajn in salvagwardja tad-drittijiet tagħha ġiet b'daqshekk perenta. Azzjoni separata u indipendenti setgħet tieħu, fil-fehma ta' din il-Qorti, b'dana però li kull talba *relattiva għat-twaqqif ta' bejgħ bis-subbasta bejn terzi kellha* tkun in konsegwenza ta' talba deklaratorja li l-proprjetà *de quo* ma kinitx tad-debitu imma kienet ta' l-istanti. Effettivament f'waħda mill-premessi l-attriċi fl-att taċ-ċitazzjoni hekk hemm imniżżel però mbagħad m'hemm ebda talba deklaratorja f'dan is-sens. *Ġaladarba l-attriċi għażlet li tixxindi l-azzjoni tagħha* minn dak li kienet il-Qorti tal-Kummerċ ipprovdiet - jiġifieri li hija taġixxi fi żmien tliet ġimgħat - allura hija kellha qabel xejn tottjeni deċiżjoni *erga omnes* li tali proprjetà kienet tabilħaqq tagħha - fatt *del resto* kkontestat ukoll mill-konvenut appellant *fit-tielet eċċezzjoni tiegħu u semble mill-konvenut l-ieħor ukoll* billi dan baqa' kontumaċi - u biss wara l-oteniment ta' tali dikjarazzjoni inekwivoka li hija setgħet tgħaddi għat-talba li

hemm dedotta fiċ-ċitazzjoni meritu ta' dan l-appell;

Kwindi, fil-fehma tal-Qorti, *it-tieni eċċezzjoni ssollevata* mill-konvenut appellant hija fondata mhux in bażi tal-fatt li l-attriċi naqset li timpunja l-att tas-subbasta fit-terminu lilha mogħti mill-Qorti imma għaliex l-azzjoni mhijiex preċeduta minn talba deklaratorja li tistabbilixxi li l-proprjetà oġġett tas-subbasta mhijiex tad-debitur konvenut Joseph Felice imma tappartjeni esklussivament lill-attriċi, liema difett allura jirrendi l-azzjoni preżenti ta' l-attriċi rritwali, ċjoè dak li qiegħed jeċċepixxi l-appellant konvenut fit-tieni eċċezzjoni tiegħu surreferit;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza appellata kif mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Ġunju, 1995 fil-kawża fl-ismijiet *premessi u dana billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni fis-sens* fuq imsemmi u tiddikjara l-azzjoni attriċi bħala rritwali bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha - *u dana però li tibqa'* espressament riservata favur l-imsemmija attriċi kull azzjoni futura li tista' *tieħu skond* il-liġi in salvagwardja tad-drittijiet tagħha kontra terzi.